**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 2 ta' April, 2002**

**Numru 9**

**Avviz. numru 282/02JR**

**Bank of Valletta**

**vs**

**Philip u Gemma mizzewgin Grima**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avvizipprezentat mill-atturi fit-8 ta' Frar, 2002 fejn intalab il-hlas ta' seba' mija u tnejn u tletin lira Maltija (Lm732.00), peress illi s-socjeta` attrici hija kreditrici fis-somma ndikata import ta' tnax-il kambajala migbuda mis-socjeta` Paola Motors Limited gia' Daewoo (Malta) Limited gja Universal Commerce Agency Company Limited u ggirati u fil-pussess tas-socjeta` u mhux imhallsa fit-28 ta' Frar, 2002, 30 ta' Marzu, 2001, 30 t'April, 2001, 30 ta' Mejju, 2001, 30 ta' Gunju, 2001, 30 ta' Lulju, 2001, 30 t'Awissu, 2001, 30 ta'**

**Settembru, 2001, 30 t'Ottubru, 2001, 30 ta' Novembru, 2001, 30 ta' Dicembru, 2001, u 30 ta' Jannar, 2002, rispettivament (Dok.A1 sa A12) flimkien ma' l-imghaxijiet ulterjuri mid-data ta' l-iskadenza tal-kambjala sad-data ta' l-effettiv pagament, u bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 6 ta' Frar, 2001 (Dok.B) u tal-Mandati ta' Qbid u ta' Sekwestru li qed jigu prezenatati mal-avviz;**

**Illi interpellati sabiex ihallsu d-dejn fuq imsemmi, il-konvenuti baqghu inadempjenti, u ghalhekk kellha ssir din il-kawza;**

**Illi s-socjeta` attrici qed tipprezenta wkoll affidavit skond il-Ligi mmarkat Dok.C.**

**Ra n-nota tas-socjeta` attrici prezentata fis-26 ta' Marzu, 2002 li biha rriducew it-talba ghas-somma ta' mitejn u hmistax-il lira Maltija u tnejn u ghoxrin centezmu flimkien mal-imghax legali mill-31 ta' Ottubru, 2001 sal-pagament effettiv.**

**Semgha x-xhieda tal-PL Joseph Zammit ghas-socjeta` attrici li kkonferma l-ammont kif ridott u l-imghax ghadhom dovuti.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal wara li ra l-Artikolu 13(b) ta' l-Att V ta' l-1995, jilqa' t-talba atttrici kif ridotta u jikkundanna lill-konvenuti jhallsu lis-socjeta` attrici l-ammont ta' mitejn u hmistax-il lira Maltija u tnejn u ghoxrin centezmu flimkien (Lm215.22) mal-imghax legali mill-31 ta' Ottubru, 2001 sal-pagament effettiv.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 6 ta' Frar, 2001 (Dok.B) u tal-Mandati ta' Qbid u ta' Sekwestru prezenat kontestwalment mal-avviz, ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenuti skond il-Ligi.**

**Dr Joseph Refalo**
**Gudikatur**